MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1606/1994/1

George Mifsud bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Deco Manufacturing Ltd
vs
Anthony Diacono bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Development Corporation u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2002 l-atti gew trasfuzi f'isem il-Malta Development Corporation u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2006 Malta Industrial Parks Limited assumiet l-atti tal-kawza

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha eccepixxa:

Illi s-socjeta attrici tokkupa b'titolu ta' lokazzjoni minghand il-konvenut nomine l-fabbrika B8A, Industrial Estate, Bulebel.

Illi bejn it-23 ta' Dicembru 1992 u l-4 ta' Jannar 1993 jew dati verjuri l-fabbrika giet inondata bl-ilma tax-xita li nizel u pperkola mill-bejt ta' l-istess fabbrika.

Illi l-konvenut nomine bhala sid il-kera ghandu diversi obbligi versu s-socjeta` attrici bhala l-inkwilin fosthom dak illi matul il-kiri ghandu jaghmel it-tiswijiet kollha li jkunu mehtiega fil-fond lokat.

Illi l-konvenut nomine nonostante li gie mitlub diversi drabi mis-socjeta` attrici biex jaghmel ix-xogholijiet necessarji fil-bejt tal-fabbrika, naqas minn dana l-obbligu fis-sens illi ma ghamilx dawk ix-xogholijiet necessarji fil-bejt tal-fabbrika in kwistjoni biex l-ilma ma jidholx, u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bhala risultat ta' tali inadempjenza meta kif fuq inghad il-fabbrika giet  inondata bl-ilma tax-xita, l-attur nomine soffra danni konsiderevoli senjament fi stocks konsistenti f'hekk imsejha "transfers/decals" effetti ohra u danni ohra kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut nomine hu unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine.

L-attur talab lill-Qorti li:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-konvenut nomine unikament responsabbli ghad-danni kollha fuq imsemmija sofferti mill-attur nomine minhabba d-dhul ta' l-ilma mill-bejt gol fabbrika okkupata mill-attur nomine;

2. Jigu likwidati l-istess danni sofferti mis-socjeta` attrici anke jekk ikun il-kaz b'opera ta' perit nominand; u

3. Konsegwentement il-konvenut nomine jigi kundannat ihallas lill-attur nomine d-dani hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' April 1994, u bl-imghax legali kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat l-eccezzjonijiet ta'Anthony Diacono li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-attur jokkupa l-fabbrika B8A, Bulebel Industrial Estate, limiti taz-Zejtun minghajr ebda titolu validu fil-ligi u certament mhux b'titolu ta' lokazzjoni kif gie ritenut fic-citazzjoni attrici. Konsegwentement il-konvenut nomine ma kellu l-ebda obbligu legali li jaghmel it-tiswijiet un kwistjoni u ghaldaqstant mhuwiex responsabbli ghad-danni lamentati mill-attur nomine.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut kien effettivament ta' bidu ghal proceduri biex isiru x-xogholijiet ta' water-proofing fil-fabbrika in kwistjoni. Izda kellu ta' bilfors jghaddi certu zmien qabel ssir l-ghazla skond it-tendering procedures tal-Gvern, tal-kuntrattur li kellu jaghmel l-istess xogholijiet. Fil-frattemp kellu jkun l-attur li jiehu dawk il-prekwazzjonijiet necessarji biex ma ssirx hsara fil-propjeta` tieghu.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut nomine.

**C. PROVI:**
Rat id-digriet tad-9 ta' Frar 2005 li bih gie nominat il-Perit Godwin Abela bhala perit tekniku.

Rat l-affidavit ta' <u>George Francalanza</u> fejn issemma li fl-1993 hu kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager fi hdan il-Malta Development Corporation (MDC). Illum il-gurnata jahdem bhala Head mal-Malta Enterprise li hadet post l-MDC. Illi rigward l-okkupazzjoni tal-fabbrika B8A illum BLB008A din giet allokata lis-socjeta` Crystal Glass Limited bin-numru ta' registrazzjoni C 4946 bis-sahha ta' ***Letter of Intent*** tat-1 ta' Novembru 1990, ezebita a Fol.

14 sa 16 tal-process u dan ghal skopijiet ta' manifattura ta' souveniers tac-ceramika u resin u ta' '***hand decorations and transfer of plain porcelain***'. Dina l-***Letter of Intent*** harget bil-kondizzjonijiet fost ohrajn li s-socjeta` Crystal Glass Limited thaddem mill-anqas 43 haddiem fi zmien 3 snin u li l-istess socjeta` tidhol f'kuntatt ta' lokazzjoni fi zmien 3 xhur mill-iffirmar tal-***Letter of Intent***. Skond il-***Letter of Intent*** dan il-kuntratt ta' lokazzjoni kellu jkun ghal sittax-il sena. Illi madanakollu minkejja dan l-ahhar kundizzjoni li qatt sar kuntratt ta' lokazzjoni u lanqas skrittura privata li tirregola l-okkupazzjoni tal-fabbrika BLB008A. Ghalhekk minn meta dahlu fil-fabbrika sal-guranata tal-lum is-socjeta` Crystal Glass Limited dejjem okkupat l-istess fabbrika minghajr ebda titolu izda biss taht mera tolleranza tal-MDC dak iz-zmien u tal-Malta Enterprise u Malta Industrial Parks Limited illi l-gurnata. Gara li wara xi zmien li harget il-***Letter of Intent*** tal-1 ta' Novembru 1990 tas-socjeta` Deco Manufacturing Limited li kienu talbu lil MDC permezz ta' ittra datata 4 ta' Jannar 1993 ezbita a fol 59 tal-process sabiex jitrasferixxu r-relief mill-***customs duty*** minn fuq is-socjeta` Crystal Glass Limited ghal fuq is-socjeta` Deco Manufacturing Limited. Din it-talba giet approvata u fil-fatt harget ittra tal-25 ta' Jannar 1993 ezebita wkoll a fol 60 tal-process fejn is-socjeta` Deco Manufacturing Limited giet moghtija riduzzjoni ta' 50% mid-dazju pagabbli fuq '***undercorated white/coloured porcelain articles with or without gold rim imported for local decoration***'. Dak iz-zmien l-***exemption*** kienet tohrog abbazi ta' l-Artiklu 17 ta' l-Industrial Development Act li llum gie emendat u mibdul fl-isem ghal Business Promotion Act li kien jaghti ***customs relief*** lil kwalunkwe kumpannija jew persuna li tkun qed timmanifattura ghall-esportazzjoni. Ghalhekk dan ifisser li r-***relief*** kienet tohrog favur kull individwu li jimmanifattura u jesporta u mhux biss favur dawk il-kumpanniji jew indiviwi li jkunu qed jokkupaw fabbrika minghand l-MDC. Ir-relief mid-dazju kienet konnessa esklussivament mal-attivita` tal-kumpannija u ma' l-ebda fattur iehor. Fil-fatt esebixxa 3 ***exemption orders*** immarkati bhala Dok GF1, GF2 u GF3 li nhargu favur is-socjeta` Crystal Glass Limited qabel allokata lilhom il-fabbrika BLB008A permezz tal-***Letter of Intent*** tal-1 ta' Novembru 1990. Illi l-ittra tal-

4 ta’ Jannar 1993 kienet l-unika wahda li rcevew minghand is-socjeta` Deco Manufacturing Limed u seta’ jghid li qatt ma rcevew ittri ohra minn Crystal Glass Limited u lanqas minn Deco Manufacturing Limited sabiex l-okkupazzjoni tal-fabbrika BLB008A tghaddi minn Crystal Glass Limited ghal Deco Manufacturing Limited. Infatti li kieku kien hemm talba f’dan is-sens kien jehtieg li jkun hemm risposta mill-MDC jew ta’ approvazzjoni jew ta’ cahda tal-bidla fl-okkupant. F’dan il-kaz la kien hemm approvazzjoni u lanqas cahda ghax talba ghal bdil fl-okkupant qatt ma saret. Ghalhekk il-fatt li l-MDC approvat it-trasferiment tal-***customs relief*** minn fuq Crystal Glass Limited ghal Deco Manufacturing Limited bl-ebda mod ma jfisser li gie approvat xi bdil ta’ okkupant ghax ikun hemm awtorizzazzjoni ghal bdil fl-okkupant irid ikun hemm approvazzjoni apposta. Fil-kaz tal-fabbrika BLB008A l-okkupazzjoni dejjem kienet u ghadha tghajjat lil Crystal Glass Limited u sa fejn jaf hu it-talbiet tal-pagamenti ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni dejjem kienu jsiru lis-socjeta` Crystal Glass Limited.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Godwin P. Abela fejn issemma li:
“**L-attur nomine George Mifsud** xehed:

- illi kien jokkupa l-fabbrika B8A Blulebel Industrial Estate fl-isem Crystal Glass Ltd, u li war f’isem ta’ Deco Manufacturing Ltd.;
- illi fit-28 ta’ Settembru 1992 kien informa bil-miktub lill-Korporazzjoni konvenuta bit-trasferiment tal-assi tal-Crystal Glass Ltd. ghal go Deco Manufacturing Ltd. u dan sabiex l-istess Korporazzjoni taggorna r-rekords taghha;
- illi fl-4 ta’ Jannar 1993 kiteb lill-Korporazzjoni konvenuta w spjega r-ragunijiet ghaliex saret din il-bidla w talab lill-istess Korporazzjoni biex l-ezenzjonijiet fuq l-importazzjoni li kienu favor il-Crystal Glass issa jigu mghoddija lil Deco Manufacturing Ltd., liema ezenzjonijiet fil-fatt inghataw b’effett mill-1 ta’ Frar 1993;
- illi bejn id-19 u l-21 ta’ Novembru 1993 dahal hafna ilma fil-fabbrika w kkawza hsarat konsiderevoli tant li cempel lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex tibghat lil xi hadd biex jikkonstata dak li kien gara;

- illi xi gimghatejn jew tlett gimghat qabel ma dahal l-ilma kienu marru xi nies mill-Korporazzjoni konvenuta jirrangaw il-bejt u dan tramite kuntrattur;
- illi wara d-dhul tal-ilma regghu baghtu n-niex biex irrangaw il-bejt u din id-darba b'mod aktar effettiv;
- illi a volja kiteb lill-Korporazzjoni diversi drabi dwra id-dhul tal-ilma, qatt ma kellu risposta;
- illi sa fejn jaf il-Crystal Glass kienet tokkupa l-fabbrika b'titolu ta' kera w li ma ftakarx li kien hemm kundizzjoni li l-kirja ma setghetx tigi trasferita minghajr il-kunsens tal-Korporazzjoni;
- illi mhux semplicement inbidel l-isem tas-socjeta` imam li sar trasferiment tal-assi kif ukoll tal-oqsma fl-istess mod li kienu fil-Crystal Glass u li l-Korporazzjoni konvenuta qatt ma baghtet qatt ma baghtet l-approvazzjoni taghha ta' dan bil-miktub;
- illi l-Korporazzjoni kienet harget l-ezenzjonijiet fl-isem is-socjeta l-gdida w li l-Crystal Glass kienet ghadha tezisti bhala socjeta;
- illi letter of intent kellu pero lease agreement ma kien qatt gie ffirmat;
- illi kien ra l-ilma diehel minn mal-katusi w anke direttament minn gos-saqqaf tal-fabbrika kollha tant li meta mar xi hadd mill-Korporazzjoni dana kien qal li kien hemm <u>"a cutain of water"</u>;
- illi l-fabbrika kienet tiddekora porcellana, taqta' l-kristall u taghmel il-frames, saret hsara billi meta xxarrab u ceda l-kartun ta' taht l-istok dan waqa' u inkiser, il-frames fil-production line inqasmu w l-magna xxarbet u ssadded u ma setghetx tintuza mill-ewwel;
- illi wara li mar is-serveyor tal-insurance, kienu qabdu lill-perit Paul Camilleri biex jaghmel claim u li wara ftit thallsu s-somma ta' Lm15,977.50 mis-socjeta tal-assikurazzjoni.

**Ernest Mallia** xehed:

- illi kien Manager tal-Estates Division tal-Korporazzjoni konvenuta w li fl-1 ta' Novembru 1990 inharget letter of intent dwar il-fabbrika in kwistjoni lis-socjeta Crystal Glass Ltd.

- ➢ illi dak iz-zmien il-kirjit u l-kuntratti tal-fabbrika kienu jiehdu hsiebhom il-Lands Department, wara l-1992 dan saret tiehu hsiebu l-Korporazzjoni konvenuta;
- ➢ illi f'dan il-kaz kuntratt ta' lokazzjoni qatt ma sar pero gieli kien jghaddi hafna zmien bejn il-hrug ta' letter of intent u l-kuntratt ta' lokazzjoni, dan partikolarment meta kien f'idejn il-Lands Department;
- ➢ illi wara l-hrug tal-letter of intent, is-socjeta` kienet tokkupa l-fabbrika w kienet ukoll tigi rikonoxxuta bhala l-inkwilin;
- ➢ illi kien jaf li Deco Manufacturing kienu kitbu lill-Korporazzjoni biex jghidulhom li din is-socjeta` kienet hadet over lis-socjeta` Crystal Glass u biex jigu rikonoxxuti bhala l-inkwilini tal-fabbrika;
- ➢ illi la hemm agreement ta' lokazzjoni ffirmat mal-Crystal Glass u l-anqas ma' Deco Manufacturing u b'hekk ma kienx hemm relazzjoni bejn Deco Manufacturing u l-Korporazzjoni konvenuta;
- ➢ illi f'Novembru 1993 kien dahal l-ilma fil-fabbrika w li qabel u wara d-dhul tal-ilma kienu saru xi xogholijiet fuq il-bejt pero dan kien xoghol tat-Technical Division li kienet tizpezzona u tahmel xogholijiet mehtiega fil-fabbriji proprjeta` tal-Korporazzjoni b'mod regolari uanke meta kien isir xi request mill-inkwilin;
- ➢ illi kienu rcevew ittra ufficjali minghand Deco Manufacturing f'Dicembru 1993 wraa li kien dahal l-ilma.

**Charles Sammut** xehed:

- ➢ illi hu kien impjegat bhala Quantity Surveyor mal-Korporazzjoni konvenuta w li kien jaghmel site inspections fuq postijiet li gratilhom il-hsara jew wara x'ilmenti;
- ➢ illi mar jizpezzjona l-fabbrika in kwistjoni fuq ordni ta' Ernest Mallia ghal habta tal-Milied pero ma jiftakarx ezatt meta, kien ra l-ilma diehel minn gos-saqaf minn fejn hemm l-expansion joint tul is-saqaf kollu;
- ➢ illi ma kienx tela' fuq il-bejt pero r-rapport tieghu kien jikkonsisti biss fil-kostatazzjonijiet li hamel dakinhar, ma kienx gamel rapport fuq il-hsarat li graw fil-fabbrika pero kien ra l-kaxxex fl-art kif ukoll il-makkinarju;
- ➢ illi t-tiswijiet kellhom isiru taht Vince Rizzo li kien is-surveyor l-iehor, pero ma jafx jekk dan kienx mar lura fil-fabbrika in kwistjoni biex isiru x-xogholijiet.

**Il-Perit David Camilleri** xehed:
➢ illi kien ghamel zmien impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta bhala Maintenance Engineer fuq il-fabbriki w l-industrial sites pero Bulebel Industrial Estate ma kienx kompitu tieghu w li l-fabbrika in kwistjoni qatt ma kien dahal fiha.

**Dennis Mifsud** xehed:
➢ illi hu kien il-Works Manager ta' Deco Manufacturing Ltd. u li bejn il-21 u 29 ta' Novembru 1993 kien dahal hafna ilma gol-fabbrika in kwistjoni w dan mit-travi tas-saqaf;
➢ illi meta mar il-fabbrika missieru George Mifsud, dan cempel u kienu marru xi niex il-fabbrika;
➢ illi tela' fuq il-bejt u sab li quddiem kull toqba tal-katusi kien hemm kantun tal-gebel jostakola l-ilma li kellu joghla sakemm jaqbes il-livell tal-wicc tal-istess kantun;
➢ illi kien jaf li xi zmien qabel kienu marru xi nies jaghmlu xogholijiet fuq il-bejt pero ma jafx minn kienu;
➢ illi l-ilma ghamel hafna hsara fil-materjali fil-fabbrika pero ma jiftakarx jekk saritx ukoll hsara fil-makkinarju.

**Il-Perit Paul Camilleri** xehed:
➢ illi c-certifikat li jinsab a fol 6 tal-atti fil-kawza Cit Nru 1594/94 fl-ismijiet George Bonnici pro et noe vs Anthony Diacono noe kien hargu hu wara li spezzjona l-fabbrioka in kwistjoni fuq talba tas-socjeta attrici;
➢ illi dahal fil-fabbrika w fuq il-hitan ra l-ilma sa liema livell kien wasal w tela' fuq il-bejt u ra li kien hemm expansion joints u li l-kontrabejt kien jidher li nghata fi zmien recenti u li fih ma kienx hemm expansion joints li jikkojincidu ma dawk fis-saqaf;
➢ illi ma setghax jghid li l-membrane li kienet tidher fil-genb tas-saqaf kienitx tetendi sa that il-kontrabejt;
➢ illi l-problema tad-dhul tal-ilma kienet wahda generali w mhux lokali.

**Is-Surveyor Arthur Taliana** xehed:
➢ illi kien qed jesebixxi zewg rapporti redatti minnu datati 27 ta' Jannar 1994 u 2 ta' Awissu 1994 wara li kien accede fuq il-post fis-17 ta' Jannar 1994;

**Ray von Brockdorff**, Accounts Manager, Malta IndustrialParks Ltd. xehed:
➢ illi l-hlasijiet tal-kera dovuti fuq il-fabbrika in kwistjoni dejjem inhargu minn Crystal Glass Ltd.
➢ illi ma kienx hemm kuntratt ta' lokazzjoni favor Crystal Glass Ltd., kien hemm biss letter of intent.

**George Francalanza**, Head, Malta Enterprise xehed:
➢ illi dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager mal-Korporazzjoni konvenuta;
➢ illi b'letter of intent datata 1 ta' Novembru 1990 il-fabbrika in kwistjoni giet allokata lis-socjeta Crystal Glass Ltd. bil-kundizzjoni li din timpjega mill-anqas 43 haddiema u li fi zmien tlett xhur jigi ffirmat kuntratt ta' lokazzjoni ghal sittax il-sena;
➢ illi l-kuntratt ta' lokazzjoni qatt ma sar u li l-okkupazzjoni tal-fabbrika tul dan iz-zmien kollu sallum kienet qeghda biss b'tolleranza;
➢ illi Deco Manufacturing kienu ghamlu talba wahda biss permezz ta' ittra datata 4 ta' Jannar 1993 sabiex jinghataw l-ezenzjonijiet u l-ebda ittra biex tinqaleb il-kirja minn Crystal Glass Ltd. ghalihom peress li kieku saret talba din kienet tehtieg risposta minghand il-Koporazzjoni konvenuta.

"KONSIDERAZZJONIJIET
Wara li ha konjizzjoni tal-atti w sema' x-xhieda ulterjuri, l-esponent jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:
1. illi kellix dritt is-socjeta` Deco Manufacturing Limited tokkupa l-fabbrika in kwistjoni hi materja ta' natura legali li mhiex se tigi ndirizzata mill-esponent;
2. illi jirrizulta li l-fabbrika in kwistjoni tappartjeni lill-Korporazzjoni konvenuta;
3. illi x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta attrici tindika ic-car li fil-perijodu ta' bejn il-21 u 29 ta' Novembru 1993, wara maltemp u xita knsistenti, dahal hafna ilma fil-fabbrika in kwistjoni w kkawzat hsarat konsiderevoli f'materjali w makkinarju;
4. illi r-rapport tal-Perit Camilleri jindika bic-car ir-ragunijiet ghaliex dahal l-ilma fil-fabbrika;

5. illi r-rapport tas-surveyor Arthur Taliana kif ukoll ta' Industrial Engineering Services Ltd., ta' Bad Boy Cleaners Ltd. u ta' Glo-Lite Ltd. jindikaw u jikkwantifikaw bic-car il-hsarat li aru fil-materjali w makkinarju tal-fabbrika, it-tindif likellu jsir u tiswijiet fis-sistema tal-elettriku;
6. illi jirrizulta mix-xhieda li haddiema jew kuntrattur inkarigati mill-Koporazzjoni konvenuta ghamlu xogholijiet fuq il-bejt tal-fabbrika in kwistjoni xi gimghatejn jew tlieta qabel il-maltempata li kkawzat il-hsarat;
7. illi jirrizulta mix-xhieda li l-istess korporazzjoni baghtet surveyor immedjatament wara li s-socjeta` attrici lmentat b'dak li kien gara w l-istess Korporazzjoni regghet baghtet in-nies biex jirrangaw il-hsarat fuq il-bejt;
8. illi s-socjeta attrici kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni kontra l-eventwalita ta' hsarat minn diversi aspetti;
9. illi s-socjeta attrici fil-fatt hadet kumpens u hlas minghand is-socjeta ta' assikurazzjoni fl-ammont ta' Lm15,977.50.

KONKLUZJONIJIET

L-esponent jissottometti bir-rispett is-segwenti konkluzjonijiet li jindirizzaw punti teknici w jeskludu materja ta' natura legali mhux fil-kompetenza tieghu:

i. illi fl-opinjoni tieghu gie ppruvat li fil-maltempati li graw bejn il-21 u d-29 ta' Novembru 1993 dahal hafna ilma gol-fabbrika B8A Bulebel Industrial Estate, limiti taz-Zejtun, waqt li din il-fabbrika kienet qed tigi okkupata mis-socjeta attrici;
ii. illi fl-opinjoni tieghu gie ppruvat li d-dhul tal-ilma kien rizultat ta' traskuragni w xoghol hazin maghmul mhux skond is-sengha w l-arti minn nies tal-Korporazzjoni konvenuta jew kuntratturi mqabbdin minnha;
iii. illi fl-opinjoni tieghu gie ppruvat illi d-dhul tal-ilma kkawza danni fl-istess fabbrika li jinkludu hsara fil-materjal uzati fil-manufattura mis-socjeta attrici kif ukoll hsarat fil-makkinarju w dan kollu skond ir-rapporti prezentati mis-surveyor Arthur Taliana u ohrajn;
iv. illi fl-opinjoni tieghu l-kumpens jew hlasijiet fl-ammont totali ta' Lm15,977.50 maghmula lis-socjeta attrici skond kif elenkati fid-diversi rapporti tas-surveyor Arthur

Taliana w ohrajn, huma ammont korrett ghaz-zmien li fih saru tali tiswijiet tad-diversi hsarat li graw fil-fabbrika in kwistjoni."

Rat in-nota korrettorja tal-Perit Tekniku AIC Godwin P. Abela fejn issemma:
" Illi b'referenza ghar-relazzjoni redatta minnu w depositata fl-atti tal-kawza ghandhom jsiru s-segwenti korrezzjonijiet:

- Pagna 10, Paragrafu 9) irid jigi kkancellat kollu;

- Pagna 10, Paragrafu iv) irid jinbidel u jaqra:

Illi fl-opinjoni tieghu d-danni sofferti mis-socjeta attrici jammontaw ghal-total ta' Lm15,977.50, skond kif elenkati fid-diversi rapporti tas-surveyor Arthur Taliana w ohrajn u huwa ammont korrett ghaz-zmien li fih saru tali tiswijiet tad-diversi hsarat li graw fil-fabbrika in kwistjoni."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi t-talba f'din il-kawza hija dikjarazzjoni ta' responsabbilta` tal-konvenut ghal danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba dhul ta' l-ilma mill-bejt gol-fabbrika okkupata mis-socjeta` attrici. Hemm zewg punti x'jigu studjati u cioe` l-ammont ta' hsarat u x-sofriet is-socjeta` attrici u t-titolu legali ***o meno*** ta' l-istess socjeta`.

Fil-konkluzjonijiet tieghu l-Perit Abela semma li d-danni sofferti mis-socjeta` jammontaw ghal total ta' Lm15,977.50 u dan skond kif imsemmi fir-rapport tas-***surveyor*** Arthur Taliana u ohrajn u fil-fehma tal-Perit Abela dan kien korrett ghaz-zmien li fih saru l-hsarat. Illi mix-xhieda ta' l-attur stess jirrizulta li wara li mar is-***surveyor*** ta' l-***insurance*** huma gew imhallsin is-somma ta' Lm15,977.50 mis-socjeta` ta' l-assikurazzjoni. Huwa ovvju ghalhekk li t-talba odjerna kif imposta ma setghetx issir ghax l-attur George Mifsud kien gja gie mhallas tad-danni u semmai li seta' jaghmel hija li jissurroga lis-socjeta` assikuratrici d-drittijiet tieghu, u dan iwassal li l-azzjoni odjerna tfalli.

Inoltre fl-eccezzjonijiet tal-konvenuta nghad li l-attur jokkupa l-fabbrika minghajr ebda titolu validu fil-ligi u certament mhux b'titolu ta' lokazzjoni. L-ewwel premessa tac-citazzjoni ssemmi li s-socjeta` attrici tokkupa b'titolu ta' lokuzzjoni l-fabbrika ***de quo***. George Francalanza li fl-1993 kien jokkupa l-kariga ta' ***Assistant Manager*** fl-MDC u llum ***Head*** mal-***Malta Enterprise*** xehed li din il-fabbrika kienet allokata lil Crystal Glass Limited, ***letter of intent*** ta' l-1 ta' Novembru 1990, u bil-kundizzjoni li l-fabbrika thaddem 43 haddiem fi 3 snin, u li tidhol f'kuntratt ta' lokazzjoni fi zmien 3 xhur mill-iffirmar tal-***letter of intent***. Izda l-kuntratt ta' lokazzjoni qatt ma sar u ghalhekk l-imsemmija socjeta` dejjem okkupat il-fabbrika b'mera tolleranza. Sostna li qatt ma saret talba ghall-bdil fl-okkupant minn Crystal Glass Company ghal Deco Manufacturing Limited u cioe` s-socjeta` li istitwiet il-kawza u semma li l-fatt li l-MDC approvat it-trasferiment tal-***customs relief*** bl-ebda mod ma jfisser approvazzjoni ghall-bdil fl-okkupant. George Mifsud semma li kien informa lill-Korporazzjoni bit-trasferiment ta' l-assi ta' Crystal Glass Limited ghal Deco Manufacturing Limited izda f'ebda stadju ma gie esebit kuntratt ta' trasferiment tal-lokazzjoni.

Ghal dan il-motiv ukoll it-talba attrici ma tistax tintlaqa' u l-eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u naturalment tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------